**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 52/97Gozo

George u Maria Carmela konjugi Attard u b'digriet tas-7 ta' Lulju 2000 Maria Carmela Attard tnehhiet mir-rikors

vs

Direttur Sptar Generali ta' Ghawdex u b'digriet tas-7 ta' Lulju 2000 giet korretta ghal Agent Supretendent Mediku Sptar Generali ta' Ghawdex u l-Ministru tas-Sahha, Kura tal-Anzjani u l-Affarijiet tal-Familja u Chairman Public Service Commission li gie kjamat fir-rikors b'digriet tas-27 ta' Jannar 1999

Illum 26 ta' Settembru, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors tar-rikorrent li bih ippremetta illi hu kien wiehed minn group li resaq ghall-interview halli jigi ammess fil-"Course of Training for Hospital Surveillance Officers" u li ghalih kien applika fil-31 ta' Ottubru 1990.

Illi r-rikorrenti kien wiehed minn dawk li ma gewx maghzula.

Illi wara xi zmien dawk li resqu ghall-kors u ghaddew gew imlahhqa security guards.

Illi hu kellu servizz mal-Gvern fil-gate tal-isptar bhala Time-Keeper I sa mis-sena 1985, snin qabel ma ddahhlu jahdmu dawk li gew mghoddijin ghal Security Guards.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti sofra ingustizzja lampanti meta hu ma kienx gie maghzul ghall-kors fuq imsemmi u bhal ohrajn imlahhaq security guard u dan in-nuqqas sar b'detriment ghalih u ghal familja tieghu u fil-fatt hu u l-familja tieghu sofrew finanzjarjament kemm f'allowances kif ukoll fil-paga ta' kull xahar u ghadhom ibatu sal-lum, ghaliex sal-lum hu ghadu fi grad "C" filwaqt dawk imlahhqa Security Guards huma fi Grad D.

Illi dawk li kienu gew maghzula ma kellhom l-ebda kwalifiki iktar minnu, u fil-fatt ir-rikorrent thalla barra minhabba biss il-kulur politiku tieghu u ghalhekk f'dan is-sens huwa sofra ingustizzja.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-

Investigazzjoni tal-Ingustizzji u li jinghata rimedji bil-ligi billi r-rikorrent George Attard mill-grad presenti tieghu ta' Time–Keeper I (li hu grad C) jigi promoss ghal Time Keeper II (li hu grad D u ekwivalenti ghal grad ta' Security Guard li hu grad D), kif ukoll billi jinghata d-differenza f'allowances u pagi li tilef sa llum jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont kif jiddeciedi dan it-Tribunal. Bl-ispejjes kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex li eccepixxa:

Illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap12.

Subordinatament illi l-awtoritajiet ta' l-Isptar ta' Ghawdex ma kienux responsabbli ghall-ghazla tal-partecipanti fil-kors ta' tahrig ghal "Hospital Surveillance Officers".

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi l-Bord ta' l-ghazla mahtur apposta ma ghazilx lir-rikorrent stante li dan ma kellux ir-rekwiziti rikjesti minn tali bord sabiex ikun jista' jikkwalifika ghal tali kors.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal illi jichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez stante illi nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju jinghad illi l-Kummissjoni fl-ebda stadju ma kienet involuta fil-process ghal dhul fil-kors ta' tahrig ghal Hospital Surveillance Officers.

3. Illi l-allegazzjonijet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors u semma illi beda jahdem bhala time-keeper 1 sa mis-sena 1985 u sar time-keeper fl-iskala 15 fl-1 ta' Jannar 1994. Semma li kienet harget applikazzjoni ghal kors ghal training for Hospital Surveillance Officers u hu kien applika ghal kors fil-31 ta' Ottubru 1990. Izda ghal dan il-course ma baghtux ghalih. Semma li kienet harget card li turi li hu Hospital Surveillance Officer. Semma li kien sar course ta' Hospital Surveillance Officer u eventwalment saru wkoll Security Guard u semma li fost dawk kien hemm minn kellu kapacitajiet aktar minnu u kien hemm minn kellu kapacitajiet inqas minnu. Dawn saru Security Guards fin-1991. Uhud minnhom kienu dahlu jahdmu mal-Gvern dik l-istess sena waqt li hu kien ilu jahdem minn 1985 u ma sarx. Sostna li dawk kollha li saru Security Guards kienu kollha Nazzjonalisti minbarra wiehed u cioe' Anthony Fenech. Semma li ma tantx jaf jaqra bl-Ingliz ghalkemm jaf jaqra bil-Malti u sostna illi kieku thalla jaghmel il-kors kien ikollu c-cans forsi li jsir Hospital Surveillance Officer. Ir-rikorrent ipprezenta kopja ta' applikazzjoni li sostna li kien ghamel ghal dhul fil-kors ta' training ghal Hospital Surveillance Officer liema dokument jinsab a fol 47 tal-process. Meta rega' xehed ghamel analizi komparattiva ta' l-applikanti tal-kors bejn kandidati Maltin u Ghawdxin u sostna li l-bicca l-kbira ta' dawk li ghaddew ghall-interview ghandhom edukazzjoni daqshom jew anqas.

Xehed Aldo Cini Principal Officer li jahdem ta' Lay Hospital Administrator fl-Isptar Generali ta' Ghawdex li semma li rikorrent qieghed fi skala 15 u bhala paga bazi ghandu Lm3706 fis-sena. Semma li r-rikorrent l-ewwel darba li kien impjegat mal-Gvern kien fl-1 ta' Dicembru 1981 u dahal bhala time-keeper. Ghalkemm mil-file ma hemmx id-data ezatt ta' meta beda jaghmel ix-xoghol ta' Security Guard

jirrizulta li fl-1987 kien diga' qed jaghmel xoghol ta' Security Guard u qabel kellu duties ta' porter. Ir-rikorrent dejjem baqa' jaghmel xoghol ta' Security Guard u ghadu jaghmel dan ix-xoghol sal-lum. Sal-lum hu ghadu fil-grad ta' time-keeper u qieghed f'salary scale 15. Is-sena l-ohra bhala paga bazika ha Lm3706. Is-Security Guards qeghdin f'salary scale 15 u dalwaqt jitilghu ghal salary scale 14. Bhala differenza ta' salarju bejn dak li jiehu r-rikorrent u s-Security Guards ma tantx hemm izda hemm differenza fl-allowances ghal dak li hu roster ghaliex ir-rata tar-roster tigi kkalkulata fuq il-paga u ghalhekk iktar ma tkun gholja l-paga, iktar tkun gholja l-allowance.

Xehed Mario Borg Olivier rapprezentant tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li kkonferma li l-Kummissjoni fl-ebda stadju ma kienet involuta fil-process ghal dhul fil-kors ta' tahrig ghal hospital surveillance officers u ghaldaqstant il-Kummissjoni dwar kriterji addottati ghad-dhul fil-kors imsemmi ma jkollha l-ebda taghrif ghaliex ma tidhol fl-ebda decizjoni ta' min jidhol ghal kors ta' tahrig u min le.

Gie pprezentat affidavit ta' Frank Attard Senior Principal fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani li semma li mir-ricerka mwettqa fid-Dipartiment tas-Sahha rrizulta illi George Attard ma hux imnizzel fil-lista tal-kandidati li fit-total taghhom kienu jammontaw ghal 631. Dan il-fatt jindika illi huwa ma applikax ghal kors ta' sena li kien iwassal ghal eligibilita' sabiex japplikaw ghal post ta' Hospital Surveillance Officer, meta tohrog is-sejha. Zied li wara s-sejha ghal dhul fil-kors ta' tahrig ghall-Hospital Surveillance Officers, kienet harget sejha ohra ghall-applikazzjoni ghall-post ta' Hospital Surveillance Officers. Semma li hu kien ra l-file ta' l-applikazzjonijiet u fil-lista ta' dawn l-applikazzjonijiet ma tidhirx l-applikazzjoni ta' George Attard. Fuq

domanda li r-rikorrent kien applika darbtejn semma illi fil-fatt kien hemm kors ghall-Hospital Surveillance Officer u kien hemm applikazzjoni tal-post ta' Hospital Surveillance Office.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jidher car li t-talba tar-rikorrent hi bbazata fuq il-fatt li hu ma giex maghzul ghal kors ta' tahrig ghall-Hospital Surveillance Officer ghalkemm kien ilu jaghmel xoghol simili. Illi kawza tan-nuqqas ta' l-ghazla tieghu ghal kors spicca biex tilef l-opportunita` li possibiliment isir Security Guard. Fil-fatt irrizulta li ghamel snin twal hafna jaghmel l-istess xoghol. L-intimat isostni li r-rikorrent fil-fatt qatt ma applika biex jattendi l-kors ta' Hospital Surveillance Officer.

B'riferenza ghall-***Eccezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li l-kummissjoni f'ebda stadju ma kienet involuta fil-process ghal-dhul fil-kors ta' tahrig ghal-Hospital Surveillance Officer*** u li ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma ghandu ebda relazzjoni mal-operat tal-kummissjoni irrizulta car a fol 22 mill-harga ta' l-applikazzjonijiet ghal dhul ghall-kors ta' tahrig ghall-Hospital Surveillance Officer li kien it-Tabib Principali tal-Gvern li kellu x'jaqsam mal-applikazzjonijiet u li fl-ebda stadju ma dahlet fl-ghazla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan hu wkoll konfermat minn Mario Borg Olivier li semma li l-kummissjoni ma kenitx involuta fil-process ghal dhul fil-kors ta' tahrig ghall-Hospital Surveillance Officer. Dan semma wkoll li l-kummissjoni ma kellha ebda taghrif u ma ndahlet f'ebda decizjoni ta' min jidhol fil-kors ta' tahrig. Illi ghalhekk mhux il-kaz li t-Tribunal jezamina l-eccezzjoni l-ohra tal-kummissjoni izda jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.

***Eccezzjoni bbazata fuq l-artikolu 181B tal-Kap 12***

Illi fir-risposta tieghu d-Direttur ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex eccepixxa illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12. L-imsemmi artikolu jiddisponi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentant fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Illi in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu l-intimat ma ta ebda raguni ghaliex huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur izda sempliciment waddab l-eccezzjoni minghajr bl-ebda mod sostnieha. Jidher car minn fol 22 tal-process li kien proprju t-Tabib Principali tal-Gvern li kellu jilqa' l-applikazzjoni ghal kors ta' "Hospital Surveillance Officers". Ghalhekk fl-azzjonijiet gudizzjarji huwa l-kap tad-Dipartiment koncernat li ghandha ssir il-kawza kontra tieghu. L-eccezzjoni ta' l-intimat qieghedha tigi respinta. Ara wkoll f'dan is-sens Joseph Grech vs Prim Ministru et 9 ta' Dicembru 1998, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta Socjali 9 ta' Marzu 1999 u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28 ta' Ottubru 1999 it-tlieta decizi mit-Tribunal kif presjedut.

Illi l-eccezzjonijiet l-ohra jirrigwardaw il-mertu tal-kaz. Bazikament huma jsostnu li r-rikorrent ma applikax biex jaghmel il-kors. Illi r-rikorrent isostni li fil-fatt huwa kien applika ghal kors izda l-unika prova li gab apparti l-gurament tieghu hija dik a fol 47 tal-process li giet esebita fil-15 ta' Gunju 1999 u liema formola fil-fatt ma fiha l-ebda timbri ufficcjali fuqha. Dan it-Tribunal isib ferm stramb illi persuna tapplika, ma tircievi xejn dwar l-applikazzjoni ghal kors li dwaru tkun qedgha tapplika u li ghal tant snin u cioe' bejn id-data ta' l-applikazzjoni meta hargu dawn l-applikazzjonijiet fl-1990 sa l-1997 meta fil-fatt sar l-Att VIII ta' l-1997 Kap 394 ma tiehu l-ebda proceduri dwar dan u l-anqas biss intbatet l-ebda ittra lill-Awtoritajiet dwar dan l-aspett. Minn

naha l-ohra l-ufficcjali tad-Dipartiment ghamlu dak kollu li setghu billi kkonfermaw bil-gurament illi minn imkien ma jidher isem ir-rikorrent fil-lista ta' l-applikanti.  Dan it-Tribunal ihoss illi r-rikorrent ma gabx il-provi sufficjenti biex jipprova illi fil-fatt huwa applika.

Jinghad ukoll illi possibbilment ir-rikorrent seta' jibbenifika minn affarijiet ohra fis-sens illi kieku stess applika u ntaghzel ghall-kors dan kien necessarjament iwassal ghall-konkluzzjoni li bilfors kien ser jinghata l-hatra ta' Security Guard.  Izda minn naha l-ohra t-Tribunal dejjem hass illi jekk persuna taghmel ghal zmien twil xoghol sewwa fi grad superjuri din ghandha tigi kkumpensata.

Infatti fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciz a fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna ddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita` jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu.  Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi.  Dan pero` jrid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta'

supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni.

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta’ Dicembru, 2000.

Izda taht dan l-aspett ukoll hemm il-problemi ghat-talba tar-rikorrent infatti minn depozizzjoni moghtija mir-rappresentant ta’ l-isptar ta’ Ghawdex u cioe` Aldo Cini kif jirrizulta mill-pagna 32 ta’ process, ir-rikorrent sal-lum ghadu fil-grad ta’ time-keeper b’salarju ta’ skala 15 u s-Security Guards qieghedin fi skala salary scale 15 u ghalhekk jigi li kieku stess ir-rikorrent xorta wahda ma tilef l-ebda flus. Meta wiehed jikkonsidra dan il-fattur kif ukoll il-kaz li ma gabx provi sufficjenti illi fil-fatt hu kien applika ghal kors it-Tribunal ihoss li bilfors irid jichad it-talba tar-rikorrent. Ghal dawn ir-ragunijiet jilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati u jichad it-talba ta’ l-istess rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.